8 ta' Novembru, 1954

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Chev. Onor Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.;
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Andrea Farrugia** *versus* **Giuseppe Sammut.**

**Danni — Temerarjetà fil-Kawżi — Art. 1074 u 1075 tal-Kodiċi Ċivili.**

*B'applikazzjoni tar-regola li kull wieħed għandu jirrispondi għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu, min ikun rebbieħ f'kawża għandu dritt jitlob id-danni mill-parti l-oħra, meta dawn id-danni jkunu fondati, mhux fuq is-sempliċi fatt tal-kontestazzjoni tal-parti l-oħra, imma fuq att doluż jew kolpuż ta' dik il-parti, li b'malizzja jew negliġenza gravi tkun ikkaġunatlu d-danni billi tkun daħħlitu f'kawża.*

*Dan ma jfisserx li kull min jitlef kawża għandu wkoll jirrispondi għad-danni, imma jfisser li hu responsabili għad-danni sekk l-aġir tiegħu fil-kawża jkun temerarju, u bħala effett ta' dik it-temerarjetà l-parti l-oħra ssofri danni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li biha l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-attur fil-15 ta' Ottubru 1952 kien għamel att ta' konvenju biex ibiegħ il-post numru 8 Papa Innoċenzo, Luqa, bil-prezz ta' £520; u billi minħabba tieqa li l-konvenut kien fetaħ mill-fond tiegħu għal fuq l-imsemmi fond ta' l-attur dana l-bejgħ ma setax isir; u billi b'sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-25 ta' Ġunju 1953, fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, il-konvenut ġie kundannat jagħlaq l-imsemmija tieqa għaliex qatt ma kellu dritt

li jiftaħha, billi qatt ma kienet teżisti; u billi, minħabba dan l-għemil abużiv u illegali tal-konvenut, l-attur sofra danni; talab li l-konvenut ikun kundannat iħallas lill-attur, in linea ta' danni, somma ta' flus li għandha tiġi likwidata minn din il-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal 1 ta' Settembru 1953, kontra l-konvenut;

*Omissis:*

Rat il-verbal tas-27 ta' Marzu 1954 (fol. 12), fejn jidher li l-kwistjoni, għal issa, ġiet limitata għar-responsabilità tad-danni pretiżi mill-attur;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-30 ta' Ġunju 1954, li biha l-konvenut ġie dikjarat responsabili tad-danni li l-attur sofra minħabba l-aġir kolpuż u temerarju fuq miġjub, bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut, u l-kawża ġiet differita għal-likwidazzjoni ta' dawk id-danni għas-seduta tas-26 ta' Novembru 1954; wara li kkunsidrat;

Illi l-attur jippretendi illi l-konvenut huwa responsabili tad-danni, għaliex, fir-rikostruzzjoni tal-fond tiegħu, fetaħ tieqa li ma kienetx teżisti qabel, għal fuq il-fond ta' l-attur, li minħabba fiha l-konvenju tal-bejgħ ma setax jiġi attwat u eżegwit ħlief wara li dina l-Qorti, b'sentenza tal-25 ta' Ġunju 1953, ikkundannat lill-konvenut jagħlaq dik it-tieqa;

Illi l-azzjoni odjerna hija evidentement bażata fuq il-prinċipju, konsagrat fl-art. 1074 (Kod. Civ.), li kull wieħed jirrispondi tal-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu;

Illi l-konvenut jippretendi li mhux responsabili ta' ebda ħsara, għaliex fil-kawża l-oħra huwa ma għamelx ħaġ'oħra ħlief iddefenda t-teżi tiegħu, għalkemm mingħajr suċċess (v. dikjarazzjoni fol. 5);

Illi, skond l-art. 1075 (1) tal-Kodiċi Civili, "jitqies fi ħtija min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb ta' familja". Għalhekk ikun fi ħtija kull min jiddiporta ruħu b'leġġerezza ċensurabili u b'ineskużabili imprudenza (Fadda. Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 1152. para. 4467 bis). Dina l-ħtija għandha, jew jista' jkollha, diversi gradi, u jekk tkun gravi jew lata, tikkonfina mad-dolo. Għalhekk it-temerarjetà, anki fid-difiża tal-kawża, taġħti lok għar-responsabilità tad-danni; għaliex il-litigant temerarju

jkun konsapevoli li għandu tort sa mill-bidu tal-kawża (Fadda, loc. cit. para. 4475 u 4491). Dana l-prinċipju ġie adottat anki mill-Qrati Tagħna (Kollez XXVII—I—72);

Illi minn dan jidher li l-indagini prinċipali, jekk mhux unika, hija jekk il-konvenut, fl-aġir tiegħu relativament għall-imsemmija tieqa, kienx fi ħtija jew le;

Illi fil-kawża l-oħra l-konvenut kien oppona ruħu għad-domandi ta' l-attur għalfex it-tieqa (jiġifieri fl-istat li kienet allura) kienet teżisti minn qabel, mentri mbagħad l-istess konvenut fix-xhieda tiegħu kellu jiddikjara li t-tieqa qabel kienet żgħira ħafna; u mill-provi tiegħu rriżulta, barra miċ-ċokon ta' dik it-tieqa, illi kienet dejjem bl-ixkejjer biex, skond ix-xhud Marianna Sammut, oħt il-konvenut mill-omm, ma jħarsux fil-post sottostanti, jiġifieri dak ta' l-attur. Il-konvenut ma setax ma jafx b'din iċ-ċirkustanza, molto pjù li, dak iż-żmien, il-kamra fejn kien hemm dik it-tieqa bl-ixkejjer kienet tiegħu l-arja u d-dawl minn tieqa fuq barra u minn setaħ. Għalhekk il-konvenut kien imissu, fir-rikostruzzjoni tal-post, ma jiftaħx dik it-tieqa, jew almenu jerġa' jagħlaqha meta ġie mill-attur interpellat bl-ittra uffiċjali tad-9 ta' Settembru 1952. Hu, però, ma tax kont, u affronta l-kawża li għamillu l-attur mill-għeluq tat-tieqa, u għalhekk huwa temerarju fl-aġir tiegħu, peress li hu kien jaf li kellu tort. Jekk dan l-atteġġjament mhux doluż, huwa żgur gravement kolpuż, u tiegħu l-konvenut għandu jbati l-konsegwenzi kollha derivanti mill-fatt li l-attur kellu jittarda l-bejgħ tal-fond tiegħu sa wara li ġiet riżoluta l-kwistjoni tat-tieqa;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġu respinti d-domandi ta' l-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni preżenti hija bażata fuq id-dispożizzjoni ta' l-art. 1074 tal-Kodiċi Ċivili, li jistabbilixxi li kull wieħed jirrispondi tal-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu; u, kif ġie kostante-

ment ritenut minn din il-Qorti, min ikun rebbieh f'kawża jkollu dritt jitlob id-danni mill-parti l-ohra, meta jkunu fondati, mhux fuq is-semplici fatt tal-kontestazzjoni, imma fuq att doluż jew kolpuż ta' dik il-parti, li b'malizzja jew negligenza gravi tkun ikkagunatlu danni billi dahhlitu f'kawża. Dan ma jfisserx li kull min jitlef kawża ghandu wkoll jirrispondi ghad-danni; ghax min jeżercita dritt tieghu mhux responsabili ghad-danni li jistghu jigru, sakemm il-pretensjoni tieghu ma tkunx arbitrarja jew kapriccuża (Kollez. Vol. XXVIII—I—288-296; Vol. V, 222; Vol. VII, 1; Vol. XII, 134, Vol. XXVII—I—72; u Appell 7 ta' Dicembru 1961, in re "Barbara vs. Fleri");

Meta jigu applikati l-principji fuq esposti ghall-każ in eżami, l-appellant ghandu jigi miżmum responsabili ghad-danni mitluba ghall-motivi elenkati fis-sentenza appellata, minhabba fil-pretensjoni tieghu temerarja u kapriccuża, li biha kkontesta l-kawża fuq imsemmija, dec 'ża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Taghha r-Regina fil-25 ta' Gunju 1953;

Ghaldaqshekk;

Tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.